MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Numru. 1240/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**VS**

**BRIAN PACE**
**(ID Nru. 377378M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1240/2011

Illum, 26 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 377378M.

**Akkuzat talli:**

Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta` Novembru, 2010, fil-Fgura bejn il-kwarta ta` filghodu (00:15hrs) u s-siegha ta` filghodu (01:00hrs), b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghamel hsara f'hanut u cioe` **Esmirabelle Nails and Beauty Salon** kif ukoll **Dabdabun Take Away**, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta` sidhom.

Talli ukoll fit-tmienja (8) ta` Novembru 2010 ghal habta tal-ghaxra ta` filghodu (10:00hrs) f'Hal Tarxien ikkommetta serq ta` tigieg tal-friza liema serq jammonta ghal sitta u tmenin ewro (€86.00).

Talli wkoll rrenda ruhu ghal sentenzi li gew definittivament decizi mill-Qorti tal-Magistrati, Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 261 (c), 325 (1) (b) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-apologija tal-imputat, id-dipendenza tieghu fuq id-droga, u l-obbligazzjoni tieghu li jrodd lura r-rifurtiva fil-kaz ta` Gordon Briffa, u wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali mimlija tal-imputat, temmen li piena karcerarja effettiva

hija bzonn. Ghaldaqstant, il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-istess imputat ghal zmien ta` prigunerija effettiva ta` erba` (4) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------